Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1058

11.5.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/1058

tal-5 ta' Mejju 2026

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Marzu 2026 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) (ECB/2026/8) ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) ilu soġġett għall-Artikolu 27.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-1 ta' Jannar 2026.

(3) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali ta' Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru), Ernst and Young Audit OOD, ser jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2026.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE għalhekk irrakkomanda li l-Kunsill japprova l-awdituri esterni attwali, Ernst and Young Audit OOD, bħala l-awdituri esterni ta' Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) għas-sena finanzjarja 2026.

(5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([2]) tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"21. Ernst and Young Audit OOD huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni ta' Българска народна банка (Bank Nazzjonali Bulgaru) għas-sena finanzjarja 2026.".

([1]) ĠU C, C/2026/1938, 27.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/1938/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1999/70(1)/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. KERAVNOS